**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Mejju 2024**

Rikors Numru: 158/24 AL

A k/a A B bħala Prokuratur ta' C D

vs

E D

(M.R. Numru 57/2001)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi r-rikorrenti C D u l-intimat C D izzewgu fis-sittax (16) ta' Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) fil-Knisja tal-Lunzjata, Il-Birgu, u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg (Att taz-Zwieg 57/2002) hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'AG 1';

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied ossia:

    - F D li twieldet fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u erbgha (2004) u ghalhekk illum ghanda dsatax (19)-il sena (Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat DokAG 2);

- G D li twieled fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006) u ghalhekk illum ghandu l-eta' ta' sbatax (17)-il sena (Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat Dok. AG 3);

3. Illi l-hajja konjugali bejn r-rikorrenti u l-intimat ma baqghatx aktar possibli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti CD u l-intimat ED resqu ghal separazzjoni personali permezz ta' kuntratt datat disgha (9) ta' Awissu tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena (Dok. AG 4);

4. Illi r-rikorrenti CD u l-intimat ED ilhom separati ghal iktar minn tnax (12)-il sena, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

5. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni l-intimat irrinunzja ghad-dritt tieghu li jitlob u/jew jircievi manteniment minghand ir-rikorrenti;

6. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni l-intimat ED kien obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' mija u tletin Ewro (€130) fix-xahar bhala manteniment ghal CD liema manteniment jieqaf hekk kif tinbiegh id-dar bil-garaxx bin- numri tmienja u ghoxrin (28) u tletin (30), bl-isem X, Triq X, Haz-Zabbar. Dawn il-fondi illum inbieghu u konsegwentement ebda manteniment ma huwa dovut mill-intimat ED lir-rikorrenti CD;

7. Illi skond il-kuntratt ta' separazzjoni l-intimat ED obbliga ruhu ukoll li jhallas manteniment fis-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin (€225) fix-xahar ghal kull minuri, liema somma tghola skond l-indici tal-gholi tal-hajja u liema manteniment jispicca meta l-minuri relattiv jibda/tibda tahdem f'impjieg fuq bazi full-time jew jaghlaq/taghlaq l-eta' ta' 18-il sena skond liema tavvera ruhha l-ewwel;

8. Illi FD illum ghandha dsatax (19) -il sena u per konsegwenza ebda manteniment ma huwa dovut filwaqt li l-intimat ED ghadu jhallas manteniment ghall-minuri GD;

9. Illi r-rikorrenti CD tikkonferma li l-manteniment dejjem thallas u ma hemmx arretrati ta' manteniment;

10. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall- ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta;

Talab lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn CD u ED;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill- istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal- partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Salv kull provvediment iehor li din il-Qorti jogħgobha tordna.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz tagħha espona:-

1. Illi preliminarjament l-esponenti jaqbel illi l-partijiet izzewgu fis-16 ta' Dicembru 2001, minn liema zwieg twieldu zewg ulied, ossia FD u GD u isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti nutar Dottor Reuben Casingena data id-9 ta' Awwissu 2011;

2. Illi l-esponenti jikkontendendi illi huwa minnu li l-partijiet ilhom iktar minn tnax il-sena sseparati u li bejniethom m'hemm l-ebda cans ta' rikonciljazzjoni;

3. Illi effettivament l-espnenti jaqbel ukoll illi bhala stat ta' fatt m'hemmx arretrati ta' manteniment, u ghalhekk m'ghandux oggezzjoni ghall-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti hekk kif dedotti fir-rikors promotur;

4. Illi finalment l-esponenti jopponi ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni;

Tant għandu x'jissottometti l-esponenti f'dan l-istadju.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’Marzu 2024;

Rat ir-risposta ġuramenta tal l-intimat

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti nomine irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta’ Awwissu 2011;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.